— tannulla, *quatenus opus est*, in-nota bid-data tat-22 ta' Diċembru 2010, li waslet għand ir-rikorrent f'data mhux qabel il-11 ta' Frar 2011;

— tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda maħruġa mill-Kummissjoni, irrispettivament mill-mod li bih l-imsemmija ċaħda ġiet magħmula, tal-kapijiet tat-talba tar-rikorrent misjuba fl-ilment tal-24 ta' Frar 2011;

— tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrent l-allowances pekunjarji għal kull jum previsti fl-Anness VII, Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, allowances li huma dovuti lir-rikorrent: (a) b'relazzjoni mad-deċiżjoni tat-18 ta' Marzu 2002 maħruġa mill-Kummissjoni dwar it-trasferiment tar-rikorrent u tal-kariga tiegħu mid-delegazzjoni tal-KE f'Luanda (Angola) għas-sede ċentrali tagħha fi Brussell, deċiżjoni li hija s-suġġett tal-kawża tal-Qorti Ġenerali, tal-14 ta' Settembru 2011, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (T-236/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra); (b) mill-1 ta' April 2002, li huwa l-ewwel jum tat-terminu li d-dekorrenza tiegħu bdiet bis-saħħa tad-deċiżjoni tat-18 ta' Marzu 2002, u matul il-120 jum sussegwenti;

— tikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrent l-interessi fuq l-allowances inkwistjoni, kemm moratorji kif ukoll kumpensatorji tad-deprezzament monetarju li jseħħ bejn il-31 ta' Lulju 2002 u d-data tal-ħlas effettiv tal-imsemmija allowances, b'rata ta' 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali mil-31 ta' Lulju 2002;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

## (Kawża F-104/11)

(2012/C 25/130)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: P. Homoki, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annullament tad-deċiżjoni tal-EPSO li tiftaħ mill-ġdid il-proċedura tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/26/05 u tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla dwar ir-riżultati tal-kompetizzjoni "EPSO/AD/56/06 — Amministraturi ta' grad AD 5 ta' ċittadinanza Ungeriża" u kumpens għad-danni.

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni tal-EPSO, tal-5 ta' Jannar 2011, dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni fir-rigward tar-rikorrent;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-EPSO, tal-14 ta' Lulju 2011, dwar ir-riżultati tal-kompetizzjoni "EPSO/AD/56/06 — Amministraturi ta' grad AD 5 ta' ċittadinanza Ungeriża";

— tikkundanna lill-konvenuta tikkumpensa b'mod ekwu l-iżvantaġġ li rriżulta, fir-rigward tar-rikkorent, mill-att annullat permezz tal-għoti ta' kumpens pekunjarju;

— sussidjarjament, tordna lill-konvenuta tistabbilixxi djalogu mar-rikorrent bil-għan li jintlaħaq ftehim li joffrilu kumpens ekwu

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs BĊE

## (Kawża F-106/11)

(2012/C 25/131)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annullament tad-deċiżjoni tad-Deputat Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani, il-Baġit u l-Organizzazzjoni li timponi fuq ir-rikorrent twiddiba bil-miktub bħala miżura dixxiplinari.

### Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jogħġbu:

— jannulla d-deċiżjoni tad-Deputat Direttur Ġenerali tad-DG-H tal-15 ta' April 2011, li timponi fuq ir-rikorrent twiddiba bil-miktub bħala miżura dixxiplinari u, jekk meħtieġ, id-deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2011 li tiċħad l-appell speċjali;

— tordna kumpens għad-dannu morali kkawżat lir-rikorrent fl-ammont ta' EUR 10 000;

— tikkundanna lill-BĊE għall-ħlas tal-ispejjeż.